# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**Magistrat**
**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 432/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Galea)**

**vs**

**EMAN ALEXANDER CROSS**
**(ID: 0460301L)**

**Illum, 25 ta' Frar 2021**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **EMAN ALEXANDER CROSS** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0460301L tressaq quddiemha akkuzat talli

Nhar is-17 ta' Frar 2019 għal-ħabta tal-għaxra neqsin kwart ta' filgħodu (09:45hrs) waqt li kien f'Appartamenti Piju XII Block D, Triq Mountbatten, il-Ħamrun:

Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' Massimo Ciarla detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 0111833A f'periklu ċar ikkaġuna offiżi ta' natura

gravi fuq il-persuna ta' Massimo Ciarla detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 0111833A hekk kif iċċertifika Dr. Paul Farrugia MD tal-iSptar Mater Dei;

Il-Qorti giet ġentilment mitluba sabiex fil-każ ta' ħtija, barra milli tapplika il-piena skond il-liġi, tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda kollha;

Rat il-provi u d-dokument kollha esebiti;

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-15 ta' Gunju 2020 li permezz taghha baghat lill-imputat sabiex jigi aggudikat minn din il-Qorti skont is-segwenti artikoli indikati mill-istess Avukat Generali:-

1. Fl-artikoli 214, 215, 218, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Settembru 2020, l-imputat fil-prezenza tad-difensur tieghu, iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja;

Rat l-atti kollha;

Semghet fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2021, it-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-parti civile u tad-difiza u semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li qieghda tassocja ruhha mas-sottomissjonijiet li saru ghan-nom tal-parti civile;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

**Provi Saljenti**

**Massimo Ciarla**, il-parti leza, li joqghod gewwa l-apaprtament bin-numru 11, Appartamenti Piju XII, Block D, Triq Mountbatten, Hamrun, xehed illi fis-17 ta' Frar 2019 fil-ghodu, huwa qam bl-istorbju ta' muzika b'volum gholi provejnenti mill-istess blokka ta' appartamenti. Huwa hareg fil-komun tal-blokk biex jindaga dwar dan l-istorbju u tela' fis-sular ta' fuq biex ihabbat fuq il-bieb tal-appartament bin-numru 14, minn fejn skont hu kien gej dan l-istorbju. Hawnhekk fethulu mara u ragel u filwaqt li mill-bieb tal-appartament huwa beda jipprova jispjegalhom li d-daqq tal-muzika kienet qed iddejqu, huma bdew jghajtu u jagixxu b'mod aggressiv billi jippontaw subghajhom f'wiccu u javvicinawh b'mod li huwa beda jigi imbottat lura mill-bieb u hemmhekk huwa ra lill-imputat, Eman Alexander Cross. Ix-xhud fisser li peress li huma baqghu gejjin fuqu, huwa spicca mexa diversi metri lura fil-landing sakemm wasal vicin it-tarag tal-komun fejn ra lis-siehba tieghu, Jonalyn De La Cruz, li sadanittant kienet telghet biex tara x'kien qed jigri. Massimo Ciarla spjega li waqt illi r-ragel beda jipponta subajgh vicin hafna ta' wiccu, dak il-hin ifegg l-imputat minn wara l-koppja u tah daqqa ta' sieq b'sahhitha fil-genitali tieghu u qallu wkoll li darb'ohra jaqtaghhomlu.

Massimo Ciarla qal li peress li dak il-hin kien mugugh hafna, huwa irkorra gewwa d-Dipartiment tal-Emergenza fl-Isptar Mater Dei fejn gie ezaminat u sarulu wkoll xi testijiet medici li minnhom irrizulta li huwa kien garrab ticrita tat-tunica albuginea tax-xellug[1]. Minhabba f'hekk, gie certifikat li Ciarla kien sofra griehi gravi u nzamm jumejn l-iSptar fejn huwa rrapporta dan l-incident lill-Pulizija fis-7 ta' Marzu 2019.

[1] Ara certifikat mediku Dok. MG1 fol. 24.

**Dr. Mario Scerri**, l-espert mediko-legali mahtur mill-Qorti, xehed li huwa ezamina z-zewg ultrasounds li kienu saru lil Massimo Ciarla gewwa l-Isptar fis-17 u fit-18 ta' Frar 2019, sab li ma kien hemm l-ebda ticrita jew fetqa fit-tunica albuginea kif inizzjalment gie certifikat. Dan ifisser li d-daqqa li allegata qala' fil-parti genitali tieghu ma kienetx wahda vjolenti bir-rizultat li l-lezjoni sofferta fit-testikoli ma kienetx offiza ta' natura gravi izda wahda ta' natura hafifa kif del resto rapportat fir-relazzjoni tieghu Dok. MS1[2].

**Jonalyn De La Cruz** ikkorroborat sostanzjalment fix-xhieda taghha l-verzjoni tas-sieheb taghha, Massimo Ciarla. Xehdet illi hija telghet fis-sular ta' fuq wara li semghet l-ghajjat ta' ragel u mara izda ma semghetx lehen is-sieheb taghha li kien tela' biex ikellem lill-gar tal-appartament minn fejn kien gej l-istorbju tal-muzika. Hi xehdet li meta telghet fil-landing biswit l-appartament bin-numru 14, tara lil Massimo u kien hemm ragel u mara fil-landing tal-komun. Huma kienu qed jghajtu ma' Massimo biex ma jergax jersaq lil hemm u dan filwaqt li kienu qeghdin jersqu lejh b'mod aggressiv. Qalet li tant kemm kienu qeghdin jghajtu li Massimo ma setax idahhal kelma u kif beda miexi lura u wasal hdjeha fit-tarag, qalilha biex jitilqu 'l hemm u beda niezel it-tarag. Dak il-hin ir-ragel gie jtawwal mit-tarag u beda jhedded lil Massimo biex ma jergax jitla' ghandhom. Izda billi dak il-hin il-mara kienet qed tkellimha, ix-xhud qalet li ma nizlitx mill-ewwel ma' Massimo u dan biex tipprova tifhem il-mara x'kienet qed tghidilha u ghalhekk, Massimo rega' tela' t-tarag ghaliha. Dak il-hin ir-ragel beda niezel it-tarag jipponta subajgh f'wiccu u kif Massimo ipprova jnehhi idejh minn quddiem wiccu, fegg it-tifel, li x-xhud gharfet bhala l-imputat, minn wara ommu u ta daqqa ta' sieq lil Massimo fuq il-partijiet genitali tieghu. Qalet li dak il-hin Massimo kien mugugh hafna, hu mar mill-ewwel l-Isptar bil-mutur tieghu.

Ix-xhud ikkonfermat ukoll li ghalkemm sussegwentement, wara li Massimo hareg mill-Isptar, huma ghamlu diversi tentattivi biex jikkuntattjaw lill-ufficjal

[2] 10 ta' Ottubru 2019, fol. 36 *et seq.*

tal-Pulizija li gie jistaqsi ghal Massimo fl-appartament taghhom dakinhar stess waqt li kien qieghed l-Isptar, huma rnexxielhom ikellmuh personalment biss fis-7 ta’ Marzu 2019 u dakinhar sar ir-rapport dwar l-incident tas-17 ta’ Frar 2019.

**Caroline Farrugia**, omm l-imputat, xehdet illi nhar il-Hadd 17 ta’ Frar 2019 fil-ghodu, hija semghet il-bieb tal-appartament taghha bin-numru 14 gewwa Appartamenti Piju XII, Triq Mount Batten, Hamrun, ihabbat b’mod aggressiv u meta fethet rat l-istess ragel li kien diga` habbtilha l-bieb darbtejn ohra l-gimgha ta’ qabel. Fissret illi kif fethet il-bieb, ir-ragel dahal gewwa l-appartament taghha billi ressaqha mal-genb tal-bieb u lahaq dahal erba’ passi ‘l gewwa biex jissemma’ ma’ zewg bibien fil-kuritur tal-istess appartament u dan filwaqt li kien qed jghajjat bl-Ingliz u bit-Taljan dwar xi muzika. Qalet li r-ragel kien qed ixejjer idejh go wiccha u hi bdiet twerzaq. Fl-appartament dak il-hin fil-kcina kien hemm it-tifel taghha, l-imputat u habib tieghu Stefan Debono li gew fil-kuritur biex jghidulu jitlaq ‘il barra mill-appartament. Huma bdew jimbottawh it-tnejn li huma u ghalkemm ir-ragel beda jirrezisti u jgholli idejh, irnexxilhom jitfghuh ‘il barra mill-appartament u ghalqu l-bieb. Ix-xhud cahdet li kien hemm xi haddiehor prezenti li ra l-incident isehh u fissret li dak il-hin kienet taht xokk u cemplet l-Ghassa tal-Pulizija mill-ewwel biex tirrapporta dak li kien appena gara anke ghaliex dan ma kienx l-ewwel darba li r-ragel Taljan gie jhabbat fuq il-bieb taghhom biex jistaqsi dwar muzika. Hija cahdet li kien qed tindaqq xi muzika fl-appartament dakinhar tal-incident. Mistoqsija mill-Qorti, ix-xhud ikkonfermat li setghet tara dak li kien qed jigri f’kull hin ghaliex kienet vicin hafna tal-kollutazzjoni u fl-ebda hin ma rat lil binha jaghti daqqa ta’ sieq lit-Taljan, izda stqarret li ratu jimbottah ‘il barra. Qalet ukoll li fl-ebda mument ma kienu hargu barra milll-appartament fil-landing tal-komun u insistiet li kienu baqghu l-hin kollu gewwa l-appartament.

Ix-xhud cahdet ukoll li binha jipprattika xi sport u meta giet mistoqsija jekk jipprattikax il-karate, wiegbet li ghalkemm kien jipprattika dan l-isport, ilu iktar

minn hames snin li waqaf u ma kienx dam imur. Madanakollu, meta x-xhud giet rinfaccjata b'dokument li kjarament juri lill-imputat jipprattika l-karate fi Frar, Novembru u Dicembru 2019, ix-xhud stqarret li hija ilha diversi snin li waqfet thallas ghal dawn il-lezzjonijiet tal-karate u ghalhekk ma tafx liema sport binha baqa' jipprattika.

**Stefan Debono** xehed illi huwa kien fil-kcina flimkien mal-imputat fl-appartament fejn jghixu l-istess Eman Cross u ommu, meta habbat il-bieb b'mod storbjuz. Qal li meta omm Eman marret tiftah il-bieb, dahal ragel billi imbottaha u baqa' diehel gol-kuritur waqt li kien qed jgholli lehnu maghha wkoll. Dak il-hin l-imputat qam biex ma jerfax idejh fuq ommu, u x-xhud qal li mar jghinu jitfa' lir-ragel 'il barra ghaliex kien qed jagixxi b'mod aggressiv. Ix-xhud qal li huwa imbotta lir-ragel minn spalltu u flimkien mal-imputat irnexxilhom jitfghuh 'il barra mill-bieb. Cahad li f'xi hin huma hargu iktar 'il barra mill-bieb tal-appartament u ma ra lil hadd iktar hlief lir-ragel Taljan. Qal ukoll li kienet omm l-imputat li ghalqet il-bieb tal-appartament wara li tefghu lir-ragel 'il barra.

**L-imputat Eman Alexander Cross** ma xehedx f'dawn il-proceduri izda rrilaxxa stqarrija[3] waqt li l-interrogazzjoni tieghu fil-11 ta' Lulju 2019, fejn spjega illi fis-7 ta' Frar 2019 huwa kien id-dar fil-ghodu flimkien ma' ommu u habib tieghu u meta sema' l-bieb ihabbat, marret ommu biex tiftah il-bieb. Dak il-hin ragel mhux maghruf dahal fl-appartament taghhom, cirka metru jew metru u nofs 'il gewwa, u beda jghajjat minhabba l-muzika u beda wkoll jipprova jgholli idejh fuq ommu. L-imputat qal li huwa qam biex imur hdejn ommu u dak il-hin huma tlewmu u gie fl-idejn mar-ragel. Ghalkemm inizzjalment l-imputat innega li ta daqqa ta' sieq lill-parti leza fil-genitali tieghu, meta rega' gie mistoqsi ghaliex tah daqqa ta' sieq fil-genitali tieghu, l-imputat wiegeb hekk : «*Ghax prova jgholli jdejh fuq ommi u dahal gewwa fid-dar* ». Insista li l-kollutazzjoni sehhet fl-

[3] Dok. MG3, fol. 28 *et seq*.

appartament u mhux fil-komun tal-blokk u illi t-Taljan kien agixxa b'mod arroganti u prepotenti.

Ikkunsidrat;

Il-Qorti hija rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kompletament konfliggjenti. Fuq naha wahda, Massimo Ciarla u Jonalyn De La Cruz isostnu illi l-kollutazzjoni sehhet fil-landing tal-komun lil hinn mill-bieb tal-appartament bin-numru 14. Huma ddeskrivew kif omm l-imputat u ragel iehor kienu ccirkondaw lil Ciarla u kienu wkoll qeghdin jghajtu u jagixxu aggressivament fil-konfront tieghu meta fil-waqt u l-hin, fegg l-imputat minn wara l-koppja u ta daqqa ta' sieq lil Ciarlo fil-parti genitali tieghu.

Fuq in-naha l-ohra ghandna l-verzjoni ta' omm l-imputat, Caroline Farrugia u ta' Stefan Debono li t-tnejn li huma xehdu li Massimo Ciarla habbat b'mod storbjuz fuq il-bieb tal-appartament, baqa' diehel 'il gewwa fil-kuritur, filwaqt li beda jgholli idejh u jghajjat ma' Caroline Farrugia sakemm l-imputat intervjena u flimkien ma' siehbu, imbotta lil Ciarla barra mill-bieb minghajr ebda incident u minghajr ma hargu fil-landing tal-komun barra l-appartament. Din il-verzjoni hija kompatibbli in sostanza mal-verzjoni li ta l-imputat fl-istqarrija tieghu ghajr ghal dettall wiehed sinjifikanti.

Huma frekwenti dawk il-proceduri fejn il-fatti li johorgu mill-provi ma jaqblux ma' xulxin jew ikun hemm xhieda li addirittura jghidu bil-maqlub ta' xulxin. Ghall-fini li jigi stabbilit il-kredibbilita` tax-xhieda, huma relevanti d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali li jistipola li ghal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta` minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni ohrajn imsemmija mill-Artikolu 636 tal-istess Kodici, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun mehtiega x-xhieda tagħhom, jew fir-rizultat tal-kawza, id-decizjoni dwar il-kredibbilta` ta' dawn ix-xhieda tithalla

fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti. Dan ghandu jsir billi jittiehed qies mill-gudikant, tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hijiex konsistenti, u ta' karatteristici ohra tax-xhieda tieghu, u jekk ix-xhieda hijiex korroborata minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Inoltre kif gie ritenut mill-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne**[4], mhux kull konflitt fil-provi ghandu necessarjament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata ghaliex kif inghad, f'kaz ta' konflitt fil-provi, « *... il-Qorti trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux* ».

Inoltre, ghal dak li jirrigwarda l-kredibbilta` tax-xhieda, l-Artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jaghmilha cara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ggib il-provi kollha u l-ahjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlahaq b'success, is-subartikolu (2) tal-istess Artikolu jippostula li xhud wiehed wahdu, jekk emnut, huwa sufficjenti biex il-kaz jigi ppruvat skont il-ligi. Dan il-principju gie ripetutament affermat fil-gurisprudenza in materja.

Il-Qorti semghet ix-xhieda u rat il-komportament tax-xhieda quddiemha fuq il-pedana u ma tistax ma tirrimarkax illi hija osservat differenza sostanzjali bejn il-konsistenza assoluta ghad genwina bejn il-verzjonijiet tal-parti leza u x-xhud tieghu fuq naha wahda, u r-reticenza murija mix-xhud Caroline Farrugia fuq il-pedana, manifestata fuq kollox meta naqset milli twiegeb is-sewwa meta mistoqsija jekk binha l-imputat jipprattikax il-karate kif ukoll meta insistiet li ma ratx lil binha jaghti bis-sieq lil Massimo Ciarla ghalkemm hija kienet prezenti l-hin kollu waqt il-kollutazzjoni li sehhet fl-entratura tal-appartament taghha. Fir-rigward, jigi osservat li mhux talli gew esebiti fl-atti dokumenti li juru li l-

[4] Deciza 9.7.2003.

imputat kien attiv ferm fl-isport tal-karate biss xahar qabel l-incident in dizamina, talli l-imputat innifsu fl-istqarrija tieghu u fil-presenza ta' ommu, kien ammetta bla tlaqliq illi huwa ta daqqa ta' sieq lil Ciarla – dan kollu kuntrarjament ghal dak li xehdet l-istess ommu Caroline Farrugia. Kemm hu hekk, meta huwa gie mistoqsi r-raguni ghaliex tah daqqa ta' sieq bejn saqajh, l-imputat wiegeb illi ghamel dan ghaliex «*prova jgholli idejh fuqi, prova jgholli idejh fuq ommi u dahal gewwa fid-dar.*»

Il-ligi penali ma tehtiegx li biex persuna tigi misjuba hatja tkun trid tigi instawrata f'mohh il-gudikant, ic-certezza assoluta, u dan ghaliex huwa rari li jigi riskontrat dan il-livell ta' prova. Fl-ordinament guridiku taghna huwa bizzejjed ghas-sejbien ta' htija kriminali, li qorti ta' gustizzja kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux gew newtralizzati mid-difiza fuq bazi ta' probabbilta`. Dan il-grad ta' prova hija l-oghla *threshold* ta' prova li l-ligi tehtieg fis-sistema guridiku taghna sabiex Qorti ta' gustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkuzata hatja ta' reat kriminali.

Sabiex tara jekk dan il-livell probatorju jkun intalahq fil-kaz partikolari l-Qorti trid tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-principji provduti lilha fl-Artikolu 637 tal-Kodici Kriminali.

« *Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-principji, xhud ikun qieghed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati. Huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni*

*jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati talakkużi miġjuba kontrih.* »[5]

Applikati ghall-fatti ta' dan il-kaz ir-regoli u l-insenjament in materja tal-evalwazzjoni tal-kredibbilita` tax-xhieda u tal-prova mehtiega fil-kamp kriminali, kif fuq enuncjat, il-Qorti hija tal-fehma illi abbazi tal-konsiderazzjonijiet diga` maghmula, ghandha taghti affidabbilita` lill-verzjoni tal-parti leza, li giet konfortata pjenament mix-xhieda ta' Jonalyn De La Cruz. Mill-evalwazzjoni tax-xhieda ta' Caroline Farrugia, li tigi omm l-imputat, u dan bil-kriterji elenkati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9, il-Qorti ma hija affattu konvinta bl-attendibbilita` tal-verzjoni taghha anke ghaliex kif inghad, hija kontradetta - talanqas kwantu dik il-parti li tikkoncerna l-azzjonijiet ta' binha fil-konfront tal-parti leza - minn dak li stqarr proprju l-imputat innifsu, fil-prezenza tal-istess ommu, waqt l-interrogazzjoni tieghu mill-Pulizija.

Il-Qorti wara li qieset fost ohrajn l-imgieba tax-xhieda u l-konsistenza jew nuqqas taghha bejn il-verzjonijiet rispettivi, hija moralment konvinta illi l-kollutazzjoni li fiha wegga' l-parti leza, Massimo Ciarla, ma sehhitx gewwa l-appartament tal-imputat izda sehhet, talanqas in parti, barra mill-appartament fil-landing tal-komun – fil-presenza tax-xhud Jonalyn Del La Cruz – fejn l-imputat ta daqqa ta' sieq lill-parti leza fil-parti genitali tieghu u dan wara illi Stefan Debono u omm l-imputat, bl-imputat warajhom, imbottaw lil Ciarla mill-bieb tal-appartament bin-numru 14 u mexxewh lura diversi metri gewwa l-landing sat-tarag tal-komun. Il-Qorti hija moralment konvinta wkoll illi ghalkemm Massimo Ciarla habbat fuq il-bieb tal-appartament bin-numru 14 biex jaffronta lill-okkupanti dwar l-istorbju ta' muzika li evidentement kien qed jiffastidjah, huwa gie konfrontat b'mod eccessivament aggressiv minn omm l-imputat u Stefan Debono sakemm, fost hafna ghajjat u gestikolazzjoni, intervjena l-imputat bid-daqqa ta' sieq fil-parti genitali tal-parti leza.

[5] **Il-Pulizija vs Clifford Bugeja** – deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5.12.2019.

Din il-verzjoni tal-parti leza, oltre li hija konsistenti f'kull aspett ma' dik ta' Jonalyn De La Cruz li **rrakkontat fid-dettall il-mossi tal-aggressuri fosthom l-imsemmija daqqa ta' sieq - u l-kliem li semghethom jghidu waqt il-kommossjoni**, hija sostanzjata ulterjorment mill-ezami mediku li saret fuq Massimo Ciarla li dak il-hin stess irkorra fid-Dipartiment tal-Emergenza tal-Isptar Mater Dei, fejn irrizulta li huwa kien *nauseous* u gie riskontrat *tenderness* fit-testikolu tax-xellug. Kemm hu hekk, sarulu zewg *ultrasounds* u nzamm taht osservazzjoni ghal jumejn shah.

Il-Qorti ghalhekk hija sodisfatta li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova fil-grad mehtieg fil-kamp ta' htija kriminali, illi l-imputat ikkaguna offiza fuq il-persuna tal-parti leza hekk kif gie mixli fl-ewwel akkuza fic-Citazzjoni.

Ikkunsidrat;

Izda qabel il-Qorti tghaddi biex tistharreg dwar in-natura tal-offiza mgarrba mill-parti leza cioe` jekk hijiex wahda ta' natura hafifa jew gravi, tqis li anke fin-nuqqas ta' difiza specifika sollevata mill-imputat f'dan is-sens, ghandha tqis jekk tistax tigi ravvizata, mill-provi riskontrati fil-process, l-iskuzanti tal-legittima difesa jew tal-provokazzjoni. Dan qed jinghad ghaliex mill-provi jirrizulta li kien hemm kollutazzjoni evidenti bejn il-parti leza u l-okkupanti tal-appartament bin-numru 14 u anke ghaliex hemm qbil li kien il-parti leza nnifsu li mar ihabbat mal-bieb tar-residenza tal-imputat.

Kwantu ghall-iskriminanti tal-legittima difiza, jinghad minnufih u bla tlaqliq illi din id-difiza hija eskluza f'dan il-kaz. Ir-*ratio legis* wara l-istitut tal-legittima difiza huwa d-dritt ghal awto-tutela ta' persuna jew tal-gheziez taghha, b`tali mod illi qtil isir gustifikat. Dan isehh meta persuna tkun sabet ruhha wicc imb'wicc ma` agressjoni ngusta tant illi ma tkunx tista' tirrikorri ghal mezzi ohra biex tahrab minn jew tevita dak il-periklu jew inkella li tirrikorri lejn l-Istat sabiex

iharisha mill-periklu. Tispicca ghalhekk kostretta tuza mezzi hija stess biex thares lilha innifisha minn dak il-periklu li jkun attwali, gravi u inevitabbli.

Illi it-tlett elementi ta' dritt li huma dottrinalment mehtiega sabiex jigi applikat dan l-iskriminanti ghad-delitt tal-omicidju jew tal-offiza fuq il-persuna, kif imfisser elokwentement fis-sentenza fl-ismijiet **Repubblika ta' Malta vs Mariano Grixti**[6] huma illi l-minaccja jew l-aggressjoni affaccjata trid tkun wahda gravi – ta' certu portata jew ta' periklu - ingusta u inevitabbli u wkoll illi r-reazzjoni trid tkun wahda proporzjonata ghal din il-minaccja jew aggressjoni kif hekk ikkwalifikata.

Issa fil-kaz in dizamina huwa manifest u jirrizulta anke *ex admissis* mix-xhieda ta' Caroline Farrugia u Stefan Debono kif ukoll mill-istqarrija tal-imputat, illi l-istess imputat kien qed jimbotta lill-parti leza lura mill-bieb tal-appartament u fl-ebda waqt ma gie allegat minnhom li l-istess parti leza hebb ghall-imputat, heddu, kien aggressiv mieghu, refa' idejh fuqu jew weggghu b'xi mod. Huma ghalhekk manifestament neqsin l-elementi tal-minaccja gravi u inevitabbilita` u konsegwentement hija eskluza li l-imputat agixxa in legittima difesa tieghu nnifsu.

Ikkunsidrat;

Ghalkemm, kif appena stabbilit, l-imputat ma kienx rinfaccjat b'sitwazzjoni inevitabbli ghaliex fic-cirkostanzi ta' kif zvolgiet il-kollutazzjoni ma jistax jitqies li huwa agixxa in legittima difesa, ghandu jigi kkunsidrat jekk jistax jigi ravvizat fl-istess cirkostanzi, l-attenwanti tal-provokazzjoni. Dan l-attenwanti, f'reat ta' offiza volontarja, huwa kontemplat mill-Artikolu 230 u 227(c) tal-Kap. 9[7] u

---

[6] Qorti ta' l-Appell Kriminali [Superjuri], deciza 3 ta' Ottubru 2018.

[7] 230. L-offiża volontarja fuq il-persuna hija skużabbli – … (b) *fil-każijiet magħdudin bħala skuża għall-omiċidju volontarju fl-artikolu 227(c).* L-Artikolu 227(c) tal-Kap. 9 jipprovdi illi l-omicidju volontarju hu skuzabbli:- *"… meta jsir minn persuna fil-waqt li tkun taħt l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew aġitazzjoni tal-moħħ illi minħabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma tkunx tista' tqis l-egħmil tagħha. … sabiex l-akkużat jitqies li ma*

huwa pacifiku li, diversament mil-legittima difiza, il-beneficcju ta' dan l-attenwanti jinghata biss meta l-provokazzjoni, ossia l-att provokatorju, ikun tali li f'nies ta' temperament ordinarju komunement igib l-effett li dak li jkun ma jkunx jista' jqis l-effett tad-delitt u jitlef il-kontroll tieghu[8].

F'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali deciza fl-10 ta' Settembru 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Paul Abela**, gie deciz:-

"*Meta tigi biex tqies l-iskuza tal-provokazzjoni ghandha tithares ir-regola migjuba fl-artikolu 235, li jfisser li l-provokazzjoni ma tiswiex jekk ma tkunx saret fil-waqt ta'l-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza. Pero' dejjem irid ikun hemm provokazzjoni ingusta …*"

Illi ghalhekk, jirrizulta li hemm zewg elementi li jsawru dan l-iskuzanti u cioe` fl-ewwel lok, il-provokazzjoni trid tkun wahda ingusta u trid tkun oggettivament riskontrabbli, u fit-tieni lok trid tkun saret filwaqt tal-azzjoni li taghha tingieb bhala skuza.

Issa fil-kaz odjern, mhuwiex kontestat illi kien il-parti leza li mar ihabbat fuq il-bieb tar-residenza tal-imputat, u huwa stabbilit ukoll li f'dak il-mument huwa kien iffastidjat minhabba l-istorbju tal-muzika li qajmitu kif ukoll minhabba l-fatt illi din evidentement, ma kienetx l-ewwel darba li gie ddisturbat mill-volum gholi tal-muzika li skont hu, kienet gejja mill-appartament tal-imputat. Madanakollu, il-Qorti diga` stabbilixxiet illi hija moralment konvinta bil-verzjoni tal-parti civile illi l-imputat aggredixxa lill-parti civile billi tah daqqa ta' sieq fil-parti genitali tieghu, fil-landing tal-komun barra l-appartament bin-numru 14 u mhux gewwa l-appartament innifsu. Kemm hu hekk, Jonalyn De La Cruz xehdet illi hija rat lill-imputat jaghti din id-daqqa ta' sieq lis-sieheb taghha u dan meta

*kienx jista' jqis l-egħmil tiegħu, jinħtieġ illi fil-fatt l-omiċidju jkun sar minħabba saħna ta' demm u mhux għaliex kien hemm ilħsieb magħmul tal-qtil ta' persuna jew ta' ħsara gravi fuq il-persuna, u illi r-raġuni kienet tali illi, f'nies ta' temperament ordinarju, komunement iġġib l-effett li ma jkunux kapaċi li jqisu l-konsegwenzi tad-delitt.*

[8] Imbaghad l-Artikolu 229 jipprovdi dwar dawk l-istanzi fejn l-iskuża msemmija fl-artikolu 227(ċ) tal-Kap. 9, mhix ammissibbli.

huwa kien fit-tarag tal-komun, verzjoni li f'kull kaz, ma giet bl-ebda mod kontradetta mill-imputat jew minn xhieda ohra. Ghaldaqstant, anke kieku ghal mument kellu jigi accettat illi l-parti leza kien effettivament dahal gewwa r-residenza tal-imputat u kien qed jgholli idejh u jghajjat, u illi dan jikkostitwixxi fatt ingust, galadarba jirrizulta li l-imputat irrejagixxa biss wara illi Ciarla` kien diga` nhareg minn gol-appartament u kien vicin it-tarag fuq in-naha l-ohra tal-landing tal-komun, l-azzjoni illecita tal-imputat ma jirrizultax li saret fil-waqt tal-att provokatorju. Konsegwentement, l-attenwanti tal-provokazzjoni ma tistax issib riskontru f'dan il-kaz.

Ikkunsidrat;

Illi kwantu ghall-fatt illi fin-nota tieghu tar-rinviju ghall-gudizzju, l-Avukat Generali indika l-Artikolu 218 tal-Kap. 9 u ma indikax specifikatament l-Artikolu 221 tal-Kap. 9 li jipprospetta rreat ta' offiza hafifa fuq il-persuna, huwa evidenti anke mid-definizzjoni ta' offiza ta' natura hafifa - li fl-istess Artikolu 221 hija mfissra bhala offiza li ma ggib ebda wahda mill-konsegwenzi ta' offizi li huma klassifikati bhala gravi skont id-dispozizzjonijiet tal-artikolu precedenti - illi dan ir-reat huwa wiehed minuri li huwa kompriz fir-reati iktar gravi prospettati fl-Artikoli 216 u 218 tal-Kap. 9.

Illi mill-provi jirrizulta illi l-offiza kkagunata fuq il-persuna ta' Massimo Ciarla ma hijiex ta' natura gravi, ghalkemm din giet iccertifikata bhala tali meta huwa gie ezaminat inizzjalment fid-Dipartiment tal-Emergenza gewwa l-Isptar Mater Dei fis-17 ta' Frar 2019 fejn irrikorra minnufih wara l-incident mal-imputat. Kemm hu hekk, minn ezami ulterjuri taz-zewg ultrasounds li saru fuq l-istess Massimo Ciarla, gie stabbilit, anke kif affermat mill-espert mahtur mill-Qorti, illi ma kien hemm l-ebda ticrita jew fetqa fit-tunica albuginea u dan kuntrarjament ghad-dijanjosi originali. L-istess espert mediku kkonstata illi effettivament, id-daqqa li garrab fil-parti genitali tieghu ma kienetx wahda vjolenti bir-rizultat li l-

lezjoni sofferta fit-testikoli ma kienetx offiza ta' natura gravi izda wahda ta' natura hafifa.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghall-piena, il-Qorti hadet qies tal-eta` zghira tal-imputat li, meta sehh l-incident in dizamina, kellu biss sbatax-il sena. Ikkunsudrat ukoll, fl-istess waqt, kif sewwa sottometta l-abbli difensur tal-parti civile waqt it-trattazzjoni, il-fatt illi ghalkemm ma jirrizultax li l-imputat gie mixli bl-addebitu tar-recidiva fic-Citazzjoni, harsa lejn il-fedina penali tieghu tirrileva li huwa diga` gie misjub hati tal-eta` ta' hmistax-il sena illi hebb ghall-prefett tad-dixxiplina tal-iskola.

Ghall-Qorti, huwa evidenti minn dan kollu illi l-imputat ghandu bzonn xi forma ta' kontroll f'hajtu biex jigi assigurat illi f'din l-eta` tant krucjali ghall-formazzjoni tal-hajja futura tieghu, izomm 'il boghod mid-delinkwenza u mit-triq tal-kriminalita` li diga` jidher li jinsab vicin li jaqbad. Dan jista' jsir billi l-imputat jinghata gwida strutturata biex tghinu jaghraf iqieghed ruhu fuq binarji tajbin u biex huwa jkun jista' wkoll issahhah il-bazi tajba li jidher li ghandu fl-istudju u l-isport u jizviluppa l-aspetti pozittivi minflok dawk negattivi. Fil-kwadru ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija tal-fehma li l-iktar sanzjoni xierqa li tista' tigi imposta fic-cirkostanzi mhijiex piena karcerarja, izda hija l-hrug ta' Ordni ta' Probation fil-konfront tal-imputat.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 214, 215 u 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lil EMAN ALEXANDER CROSS hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-istess EMAN ALEXANDER CROSS taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sentejn.**

**Il-Qorti fissret lill-hati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-ordni, u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, jista' jingħata sentenza ghar-reat originali, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.**

**Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tikkundanna lill-hati sabiex ihallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' mitejn u tmienja u erbghin Euro u hamsin centemzu (€248.50) rapprezentanti spejjez imhallsin lill-espert nominat f'dawn il-proceduri.**

**Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole u lir-Registratur tal-Qorti.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**